**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 31 ta' Mejju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

**vs**

**Ufuk Durgut**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ufuk Durgut, ta' 24 sena iben Mehmet u Hulya, residenti ġewwa Campus Hub, Universita ta' Malta, Triq Dun Karm, Msida, detentur ta` karta tal-Identita Torka numru 46636223192, mwieled il-Germanja, nhar l-24 ta' Marzu 1999

Akkuzat talli nhar it 30 ta' Mejju 2023 għall-ħabta ta' 04:05 ta' filogħdu, ġewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan u/jew f' dawn il-gżejjer;

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe` PS 750 Terry James Mallia filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-

liġi jew ta' ordni mogħtija skond il- liġi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Art. 96 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS 750 Terry James Mallia, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu, kontra il-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Art. 95 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

3. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb għal PS 750 Terry James Mallia sabiex jinġurjaħ, idejqu jew jgħmillu ħsara b'xi mod. Art.339(1)(d) Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Iżjed talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, ikkaguna ħsara volontarja, ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobli u ċioe parti minn uniformi tal-pulizija ossia 'bodycam magnet clip', liema ħsara ma' tiskorrix il-250ewro għad-dannu tal-Korp tal-pulizija ta' Malta u dan bi ksur tal- Artikolu 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew l-bon ordni b`għajjat u/jew ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità tal-pulizija jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma ħalliehxx jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi ohra u dan bi ksur tal-Artiklu 338 (1) (ee) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' PS 750 Terry James Mallia ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundana lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' sentejn u seba' xhur prigunerija u multa ta' tnax-il elf u hames mitt euro (€12,500) u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputati wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

8. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

9. L-imputat ilu hames gimghat Malta jistudja l-Ingliz. L-incident gara kawza li l-imputat xorob izzejjed, u dan mhux skuzanti, kif id-difiza b'lealta ammettiet. Pero l-imputat

ikkopera mill-ewwel mal-Pulizija u skuza ruhu maghhom anke fl-istqarrija, u qal li lest ihallas ghall-hsara li ghamel.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 96(a), 95, 339(1)(d), 325(1)(c), 338(dd) u 338(1)(ee) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena ta' hmistax (15)-il xahar prigunerija li qeghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) In oltre il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghal hlas ta' multa ta' erbat elef sitt mija u hamsin Euro (€4,650), liema multa ghandha tithallas immedjatament, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont immedjatament, l-ammont shih, jew kull bilanc minnu li jkun ghadu dovut, ghandu jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

(3) Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**